MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru 78/2010

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

vs

Charlie Andrew Cordina, ta’ 39 sena, iben Alfred u l’ Mary Jane nee’ Pace, imwieled Sydney (Awstralja), nhar l-1 ta’ Marzu 1971, residenti fil-fond Sun Flower, Triq Gilju, Victoria, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 160087(M);

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra ’l hawn fuq imsemmi Charlie Andrew Cordina li gie akkuzat talli nhar is-27 ta’ Novembru 2009, fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fi proceduri Civili, halef falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament;

Ukoll il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta’ Awwissu 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat li giet ri-affermata wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat :

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u fuq kollox ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina minn fejn jidher car illi l-imputat illum ghandu hajja stabbli b’impieg fiss;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 108(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta’ liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------